MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta ta' l-14 ta' Ottubru, 2004

Numru 667/2004

**Il-Pulizija**
**(Spt Carlo Ellul)**
**vs**
**Antoine Mifsud**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Antoine Mifsud** ta' 73 sena, bin il-mejjet Alfred u Maria Anna nee' Zahra, mwieled Hamrun fil-15 ta' Dicembru, 1930, residenti f' 241, Qormi Road, Marsa u detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 000131(M);

Talli fis-6 ta' Dicembru, 2000 u fis-snin ta' qabel bhala d-detentur tal-fond bin-numru 241, Qormi Road, Marsa jew bhala l-persuna li kellek f'idejk l-imsemmi fond b'diversi atti maghmulin fi zminijiet li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda;

1. Ikkommettejt serq ta' kurrent tal-elettriku li jammonta ghal izjed minn Lm100 u anqas min Lm1,000 ghad-dannu tal-Korporazzjoni EneMalta, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz u valur;

2. Talli ghamilt hsara jew kissirt parti mill-meter tal-elettriku jew s-sigilli tieghu jew xi parti minn xi apparat jew s-sigilli taghhom jew gumni wzati fil-provista tal-elettriku jew is-sigilli taghhom.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali tat-2 t'Awissu, 2004.

Rat in-nuqqas ta' oggezzjoni ta' l-imputat sabiex il-kaz tieghu ikun trattat u deciz bil-procedura sommarja.

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat.

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Stante ammissjoni, issib lill-imputat hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu;

Wara li rat l-artikoli 261, 263, 267, 278, 280, 281 u 325 tal-Kap 9.

Rat l-fedina penali nadifa ta' l-imputat.

Tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor sa zmien sena (1) mil-lum u dan ai termini tal-artikolu 28 tal-Kap 446.

Il-Qorti fehmet l-obbligi ta' l-imputat naxxenti minn din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------